MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 79/2010

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant u Sp Trevor Micallef)
vs
Nikolay Petrishin, iben Nikolai, imwieled ir-Russia fis-27 ta’ Diċembru, 1986
u
Dmitry Toptunov, iben Igor, imwieled ir-Russia fl-10 ta’ Ġunju, 1986
u
Nicolaev Veaceslav, iben Nikolai, imwieled il-Moldova fit-13 ta’ April, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-1 ta’ Frar, 2010 bejn is-2.00 a.m. u it-3.00 a.m. ġewwa Triq is-Sidra, Swieqi u ġewwa l-għassa ta’ San Ġiljan –
1. inġurjaw jew heddew jew għamlu offiża fuq il-persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu

qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu jew ibezzgħu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS69 Jesmond Cremona, PC1130 Bjorn Sammut, PC790 Nathan Zerafa, PC1415 Ryan Borg u WPC245 Christina Delia;

2. ma obdewx l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilhom mill-pulizija taħt l-istess lok u ċirkostanżi mill-istess uffiċjali tal-pulizija imsemmija hawn fuq;

3. fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostażi heddew bi kliem lil Michael Ruggier;

5. fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi f'lok pubbliku kienu jinsabu fis-sakra b'mod li ma setgħux jieħdu ħsieb tagħhom innifishom;

6. l-istess ħin, lok u ċirkostanżi qalu kliem oxen u faħxi li jikkonsisti f'dagħa.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmija uffiċjali pubbliċi tal-Korp tal-Pulizija u ta' Michael Ruggier kif jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi rpoċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 95, 338(bb)(dd)(ee)(ff) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------